***Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan***

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 65– 15 ta' Mejju 2023**

***Minuti tal-ħamsa u sittin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar fil-15 ta' Mejju 2023 fis-6pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 65. Il-laqgħa bdiet fis-6pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Mark Camilleri** | Sindku |
| | **Clive Azzopardi** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Anthony Borg** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |


***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**Il-Kunsillier Anthony Borg informa lill-Kunsill li ma kienx ser jattendi għal-laqgħa minħabba li kien ser ikun indispost. Il-Kunsillier Philip Edrick Zammit ma avżawx li mhux ser jattendi.**

**65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

**Il-minuti ta' laqgħa nru 64 kienu ser jitressqu fil-laqgħa li jmiss.**

**65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**Is-Sindku nforma li l-press conference li saret quddiem il-Palazz tal-Baruni kienet ta' suċċess. Għaliha attendew diversi kunsilliera u residenti kif ukoll numru ta' ġurnalisti.**

**Dwar l-applikazzjoni li hemm għal Dar tax-Xjuħ fi Triq il-Mitħna, il-Kunsill qabel li għandu jkun mitkellem il-Perit sabiex jgħidilna xi problemi jistgħu jinħolqu b'din l-istruttura.**

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Is-Sindku Mark Camilleri qal li Triq Dun Mikiel Xerri ser issir kif tispiċċa l-iskola. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilita li parti minn Misraħ San Filep miz-Zebbug Rangers sa ħdejn l-istabbiliment tax-Xiħa issir pedonali. Misraħ l-Isptar ukoll ser tingħata wiċċ ġdid possibbilment anke ppavimentata, mingħajr ma jonqos il-parkeġġ.**

**Intant il-Kunsillier George Cortis ħareġ mil-laqgħa fis-18:40.**

**Is-Sindku Mark Camilleri informa lill-Kunsill li Dr. Jeffrey Pullicino Orlando kien wasal f'arranġamenti sabiex statwa magħmula mill-Carrara Marble titpoġġa xi mkien fejn jixraq ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Kien maqbul li din l-istatwa ma titpoġġiex f'Misraħ l-Isptar iżda fil-ġnien fi Triq Ewġenju Borg.**

**Is-Sindku Mark Camilleri ressaq ukoll l-idea tas-Sur Gauci sabiex mal-blata li hemm isservi bħala roundabout fi Vjal il-Ħelsien jitpoġġew fuqha tlett ħamimiet li jissimbolizzaw lit-tlett irħula li ffurmaw Ħaż-Żebbuġ.**

**Kien maqbul unanimament ukoll li s-Sinjura Silvana Shead li għandha liċenzja sabiex tarma fuq il-Monti tingħata l-posta tas-Sinjur Shead minħabba li tinsab l-ewwel waħda fuq il-lista ta' stennija sabiex tarma ġewwa l-Monti ta' Ħaż-Żebbuġ.**

**65.3 Sejħa għall-Junior Architect**

**Wara diskussjoni l-membri tal-Kunsill qablu unanimament li tinħareġ is-sejħa għall-Junior Architect sabiex ikunu jistgħu jiġu ivvetjati applikazzjonijiet tal-PA.**

*Sindku (Mayor):* Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

*Viċi-Sindku (Vice Mayor):* Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

*Kunsilliera (Councillors):* Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

*Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):* Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:** zebbug.malta.lc@gov.mt **Tel:** 21 468181*

**65.4 Attivita – 28 ta' Ġunju 2023**

**Fil-lejla tat-28 ta' Ġunju ser issir tellieqa organizzata mill-Każin Banda San Gużepp u minn Agones. Fl-istess ħin ser ikun hemm għaddejjin żewg barbeques mill-Każin Banda San Filep u mill-Każin Banda 12th May.**

**65.5 Festa Tindif**

**Dwar it-tindif ta' Misraħ San Filep u Triq Sciortino fil-festa ta' San Filep, is-Sindku qal li kollox jinsab preparat għal dik il-ġimgħa b'kordinazzjoni mal-Kuntrattur tal-Knis. Dwar il-ġbir tal-iskart is-Sindku qal li issir ġabra oħra meta ma tinġabarx il-borża s-sewda.**

**Il-Kunsillier David Battistino kien avviċinat minn banda t'Aġira sabiex tagħmel kunċert Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill joħroġ sa massimu ta Eur1500 u fl-istess waqt jitlob lill-Kunsill t'Aġira sabiex jirreċiproka bl-istess ammont.**

**65.6 Toroq**

**Kien deċiż li dan l-item jkun diskuss fil-laqgħa li jmiss.**

## 65.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss

**Il-laqgħa spiċċat fid-9:00 u kienet aġġornata sine die.**

| | |
|---|---|
| **Mark Camilleri** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*